MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (SUPERJURI)
# MALTA

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**DE GAETANO VINCENT**
**ONOR. IMHALLEF**
**CAMILLERI JOSEPH D.**
**ONOR. IMHALLEF**
**FILLETTI JOSEPH A.**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2002

Appell Civili Numru. 771/2001/1

**Avukat Dottor Victor Ragonesi**

**vs**

**Albert Stagno Navarra u Perit Frank Giordmaina Medici**
**f'isimhom proprju u bhala Diretturi u ghan-nom ta' Heritage Estates Limited, u l-istess Heritage Estates Limited.**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

**IC-CITAZZJONI TA' L-ATTUR**

1. B'citazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili l-attur appellat ippremetta illi fl-10 ta' Marzu 2000 Albert Stagno Navarra ghan-nom ta' Heritage Estates Limited ikkonkluda konvenju li in forza tieghu impenja ruhu ghas-socjeta' li jbiegh u jittrasferixxi lil Alexander Kazitsine il-"penthouse" internament markata 20, formanti parti minn blokk ta' flats u garages bl-isem "Sunrise Court", Triq it-Tamar, Qawra, San Pawl il-Bahar, flimkien ma' garage sottostanti numru 12, soggetti ghal cens annwu u perpetwu ta' Lm15.00, bil-prezz kumplessiv ta' Lm40,000, u bil-kundizzjonijiet inkorporati fl-istess konvenju (Dok. A); Illi l-prezz intier ta' Lm40,000 gie mhallas lis-socjeta' konvenuta meta sar l-imsemmi konvenju; Illi l-istess konvenju jinkludi l-impenn li s-socjeta' konvenuta tirrifondi lill-kompratur Alexander Kazitsine s-somma intiera ta' Lm40,000 fl-eventwalita' li t-trasferiment konvenut ma jsirx ghal ragunijiet imputabbli lis-socjeta' konvenuta; Illi s-socjeta' konvenuta bieghet l-imsemmija penthouse u l-immobbli relattivi fit-28 ta' Marzu 2000 lill-konjugi Joseph u Mary Grace mizzewgin Scicluna in atti Dottor Angelo Vella (Dok. B) u f'dan it-trasferiment qatt ma informaw lil Alexander Kazitsine jew lir-rapprezentant legali tieghu f'Malta; Illi t-trasferiment ta' l-immobbli skond l-imsemmi konvenju ta' l-10 ta' Marzu 2000 ma setghax jigi konkluz ghal ragunijiet imputabbli lis-socjeta' konvenuta; Illi s-somma ta' Lm40,000 ma gietx ripagata lil Alexander Kazitsine u dan jikkostitwixxi abbuz u frode da parti tad-diretturi tas-socjeta' konvenuta, li huma personlment responsabbli; Illi bi skrittura tat-3 ta' Dicembru 2000 l-attur akkwista permezz ta' cessjoni u assenjazzjoni d-drittijiet kollha ta' Alexander Kazitsine inkorporati fl-imsemmi konvenju ta' l-10 ta' Marzu 2000, u ghalhekk ghandu d-dritt li jitlob u jircievi s-somma indikata ta' Lm40,000 flimkien ma' l-interessi u d-danni; Illi l-pretensjoni attrici hija certa, likwida u dovuta u l-konvenuti fil-kwalitajiet taghhom predetti m'ghandhomx eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jissollevaw biex jopponu t-talbiet attrici u f'dan il-kaz il-kawza ghandha tigi trattata bid-dispensa tal-proceduri normali; Talab ghalhekk lill-istess Qorti sabiex:- 1. Tordna illi l-kawza tigi trattata bid-dispensa tas-smiegh ghat-termini ta' l-artikolu 167 tal-Kap.

12; tikkundanna lill-konvenuti proprio et nomine jirifondu lill-attur is-somma ta’ Lm40,000 lilhom imhallsa ghat-trasferiment tal-penthouse u garage fil-blokk “Sunrise Court”, Triq it-Tamar, Qawra, San Pawl il-Bahar kif miftiehem fil-konvenju ta’ l-10 ta’ Marzu 2000, liema trasferiment ma sarx ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenuti, flimkien bl-interessi legali mit-28 ta’ Marzu 2000, liema somma hija dovuta lill-attur in forza ta’ l-akkwist ta’ drittijiet u assenjazzjoni fuq riferiti. Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittri ufficcjali tas-17 ta’ Jannar 2001 u tar-rikorsi tad-19 ta’ Jannar 2001.

**DWAR IL-KONTESTAZZJONI MIN-NAHA KONVENUTA**

2. Fl-ewwel udjenza tal-5 ta’ Gunju 2001 kemm il-konvenuti Perit Frank Giordmaina Medici u Albert Stagno Navarra proprio u kemm is-socjeta’ appellanti talbu li jinghataw il-fakolta’ li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom ghat-talbiet ta’ l-attur;
Illi tali talbiet gew trattati verbalment izda filwaqt li dakinhar it-talba giet milqugha fir-rigward tal-konvenuti Perit Frank Giordmaina Medici u Albert Stagno Navarra proprio, il-kawza thalliet ghas-26 ta’ Gunju 2001 ghall-provvediment dwar it-talba tas-socjeta’ appellanti jew, alternattivament, ghas-sentenza fil-konfront tas-socjeta’ appellanti;

Illi fil-frattemp l-appellat talab li jressaq xi provi quddiem l-ewwel Qorti liema talba giet akkordata u fl-udjenza tas-26 ta’ Gunju 2001 ittella’ jixhed in-Nutar Angelo Vella ingunt mill-istess appellat;

Illi wara li l-attur appellat ghamel id-domandi tieghu lil dan ix-xhud il-partijiet ittrattaw ulterjorment il-mertu ta’ l-eccezzjonijiet li s-socjeta’ appellanti xtaqet li tinghata l-fakolta’ li tressaq;

**IS-SENTENZA APPELLATA**

3. L-ewwel Qorti finalment cahdet it-talba tas-socjeta’ appellanti sabiex l-eccezzjonijiet taghha jigu ammessi u

ddecidiet il-kawza billi – Rat ic-citazzjoni ta' l-attur; Rat ukoll l-affidavit mahluf mill-attur u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process; Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smiegh kienu notifikati lill-konvenuti fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-konvenuti Stagno Navarra u Girodmaina Medici inghataw fakolta' li jikkontestaw il-kawza, u ghalhekk kontriehom il-kawza sejra tkompli bil-procedura normali, il-konvenuta Heritage Estates Ltd. ma wrietx, imqar prima facie, li ghandha eccezzjonijiet tajba x'taghti; Billi ghalhekk l-art. 167 et seq tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smiegh, il-Qorti taqta' l-kawza billi tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni kontra Heritage Estates Limited, bl-ispejjez, u ordnat li l-kawza tkompli miexja kontra l-konvenuti l-ohra;

**L-APPELL TAS-SOCJETA' KONVENUTA HERITAGE LIMITED**

4. Is-socjeta' hasset ruhha aggravata minn din is-sentenza u interponiet appell minnha fuq aggravji segwenti:
(i) Illi minkejja li l-kawza kienet tinsab differita ghall-provvediment dwar it-talba tas-socjeta' esponenti biex tikkontesta l-kawza, il-konvenuti gew rinfaccati bi provi fil-mertu mressqa irritwalment mill-attur appellat;

Illi s-socjeta' esponenti, sabiex tipprova imqar prima facie li kellha l-jedd li tikkontesta l-kawza setghet tressaq hi ukoll xhieda. Fost dawn kien hemm l-Avukat Alex Perici Calascione li rrediga l-konvenju u li zgur seta' jitfa dawl fuq l-interpretazzjoni tal-klawzoli relattivi u fuq l-intenzjoni tal-partijiet;

(ii) Illi it-tieni aggravju huwa illi l-ewwel Qorti kellha taghti l-fakolta' lis-socjeta' esponenti tikkontesta l-kawza stante illi hija ippruvat prima facie illi ghandha eccezzjonijiet validi x'taghti u ghalhekk l-ewwel talba ta' l-attur ma kellhiex tintlaqa';

Illi dan l-aggravjiu tas-socjeta' appellanti huwa marbut intrinsikament mal-mertu tal-kontestazzjoni taghha u

ghalhekk sejra tghaddi biex tittratta l-fatti kollha kif tafhom hija;

Illi l-argument tas-socjeta' esponenti huwa li l-jedd ghar-rifuzjoni tal-prezz huwa vestit esklussivament fis-socjeta' Alerting Enterprises Limited u ghalhekk l-appellat, li akkwista l-jeddijiet ta' Kazitsine biss, ma ghandux il-jedd li jircievi l-prezz.

L-attur appellat sostna fit-trattazzjoni tieghu illi huwa fil-fatt akkwista l-jeddijiet ta' Alerting Enterprises Limited ukoll, izda dan ma jirrizultax mill-iskrittura tat-3 ta' Dicembru 2000. Il-kliem uzat fl-iskrittura huwa car. Skond din l-iskrittura Kazitsine "is hereby assigning, transferring and surrendering all his rights and obligations contained and arising out of the agreement of the 10th March, 2000, to Doctor of Laws Victor E. Ragonesi, son of Giuseppe and Anna nee Galea.." Aktar 'l isfel Alerting Enterprises Limited "approves the assignment, transfer and surrender of rights and obligations contained in theis agreement, together with all the terms and conditions contained in the same agreement..." Dan juri li ma kenitx Alerting Enterprises Limited li assenjat il-jeddijiet taghha izda semplicement approvat l-assenjazzjoni tad-drittijiet aktar 'l fuq konvenut.

Dan stabbilit, wiehed irid jara min kellu d-dritt li jircievi r-rifuzjoni tal-prezz ta' Lm40, 000, u cioe' jekk hux Kazitsine jew Alerting Enterprises Limited. Il-paragrafi relevanti tal-konvenju huma 2(i) u 2(ii). Dawn qeghdin jigu hawn riprodotti –

2(i) The Purchaser undertakes to renounce to all his rights and obligations arising under this Private Writing and, in futherance of the above, to be substituted by any third party on the final deed of sale, in any event in which the Vendor, during the period of validity of this Private Agreement as above, chooses to sell and transfer the Property to any third party other than the Purchaser.

2(ii) The Vendor undertakes irrevocably to pay to Alerting Enterprises Limited on behalf of the Purchaser the total

sum of forty thousand Maltese Liri (Lm40,000) in full and fanal settlement of the purchase price already paid by the Purchaser, in any event in which the final deed of sale is not concluded between The Parties for any reason imputable to the Vendor, within the period of validity of this Private Agreement.

Issa minn dawn il-paragrafi fuq citati ghandha tohrog cara l-intenzjoni tal-partijiet x'kienet. Is-socjeta' esponenti irriservat mill-bidu nett li hija tkun tista' tittrasferixxi lil terzi l-immobbli *de quo*. F'din l-eventwalita' jiskattaw zewg fatturi. Fl-ewwel lok, immedjatament kif il-proprjeta' tkun trasferita lil terzi, Kazitsine ikun meqjus li irrinunzja ghall-jeddijiet u obbligi naxxenti mill-konvenju [2(i)]. Fit-tieni lok, tkun dovuta rifuzjoni tal-prezz ta' Lm40,000 lil Alerting Enterprises Limited ghas-saldu tal-prezz imhallas minn Kazitsine [2(ii)].

Ghalhekk isegwi li meta l-appellat akkwista l-jeddijiet ta' Kazitsine, effettivament dan Kazitsine ma kellux aktar jeddijiet naxxenti mill-konvenju. Isegwi wkoll li hija biss Alerting Enterprises Limited li llum ghandha l-jedd titlob ir-rifuzjoni tal-prezz. Jidher li l-fatt li Alerting Enterprises Limited lanqas assenjat id-drittijiet taghha lill-appellat, kif fuq spjegat, sar bi skop u cioe` sabiex izzomm esklussivament ghaliha d-dritt ghar-rifuzjoni.

Illi dan kollu l-esponenti xtaqu jipprovawh, anke permezz tax-xhieda tal-partijiet involuti u ta' l-avukat Dottor Alex Perici Calascione li rrediega l-konvenju, kieku inghataw il-fakolta' li jikkontestaw il-kawza u ghalhekk sofrew pregudizzju.

Illi sabiex din l-Qorti ta' l-Appell tapprezza ahjar l-intenzjoni tal-partijiet forsi jkun opportun li tisma' provi li ma nstemghux quddiem l-ewwel Qorti (stante li giet ezegwita l-procedura sommarja) u b'hekk tasal ghall-konkluzjonijiet taghha anke fuq il-mertu.

(iii) Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-tielet aggravju huwa illi fit-tieni talba tieghu l-appellat jitlob ukoll l-"interessi legali mit-28 ta' Marzu

2000" izda dawn l-interessi ma jirrizulta minn imkien li huma dovuti lil xi hadd, u wisq anqas lill-appellat li dahal fix-xena biss permezz ta' skrittura privata datata 3 ta' Dicembru 2000.

Illi l-appellat ma ressq ebda prova in sostenn ghal din it-talba, jew li huma applikabbli xi imghaxijiet, u sahansitra tali pretensjoni lanqas giet konfermata bil-gurament minnu.

Illi ghalhekk tali talba kellha tkun michuda mill-ewwel Qorti.

Ghaldaqstant is-socjeta' appellanti talbet din il Qorti ta' l-Appell joghgobha tirrevoka s-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Avukat Dottor Victor Ragonesi (vs) Albert Stagno Navarra u Perit Giordmaina Medici f'isimhom proprju u bhala Diretturi u ghan-nom ta' Heritage Estates Limited, u l-istess Heritage Estates Limited tas-26 ta' Gunju 2001, tichad it-talbiet ta' l-attur appellat, jew fin-nuqqas tordna li l-process relattiv jintbaghat lura lill Prim' Awla tal-Qorti Civili biex l-istess jiddeciedi l-kaz skond il-ligi wara li s-socjeta' esponenti tinghata l-fakolta' li tipprezenta l-eccezzjonijiet taghha. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat.

**IR-RISPOSTA TA' L-APPELL TA' L-AVUKAT DOTTOR VICTOR RAGONESI**

5. L-attur appellat wiegeb hekk:

(i) Illi l-appell huwa frivolu, vessatorju, abbus tal-process gudizzjarju u intiz biss biex is-socjeta' appellanti tirbah zmien sakemm is-sentenza kontra taghha tghaddi definittivament in giudikat.

(ii) Il-konvenju ghal bejgh da parti ta' Heritage Estates Limited tal-fond fih indikat sar fil-10 ta' Marzu 2000, u wisq eccezzjonalment is-socjeta' venditrici irceviet il-prezz intier ta' Lm40,000 fuq il-konvenju.

(iii) Fit-28 ta’ Marzu 2000 Heritage Estates Limited bieghet l-istess fond lill-konjugi Joseph u Mary Grace mizzewgin Scicluna bis-suppost prezz ta’ Lm23,000. Meta sar dan il-bejgh, appena 18-il gurnata wara l-konvenju ta’ l-a0 ta’ Marzu 2000, is-socjeta’ appellanti ma kelliex id-decenza li tinforma allura lil Alexander Kazitsine jew lid-difensur tieghu ta’ dak iz-zmien.

(iv) Fis-27 ta’ Dicembru 2000, l-esponent sottoskritt baghat ittra registrata indirizzata lil “A. Stagno Navarra, Messrs Heritage Estates Limited, Property House, Mannarino Road, Birkirkara”. Il-postman gie infurmat li dak ma kienx l-indirizz tas-socjeta’ appellanti, u l-ittra giet rifjutata. Din id-dikjarazzjoni lill-postman kienet falza, ghaliex il-Malta Financial Services informaw ufficjalment lis-sottoskritt li dak kien l-indirizz tas-socjeta’ appellanti u li l-ittri li tibghat Malta Financial Services lis-socjeta’ jaslu u jigu accettati.

(v) L-esponent baghat ittri ohra lis-socjeta’ appellanti u dina qatt ma rrispondiet. Baghat ukoll zewg ittri ufficjali bid-data tas-17 ta’ Jannar 2001, lil Albert Stagno Navarra, li huwa direttur tas-socjeta’ appellanti, u lill-istess Albert Stagno Navarra u Perit Frank Giordmaina Medici, f’isimhom proprju u bhala diretturi ta’ Heritage Estates Limited u lill-istess socjeta’, u hadd minnhom ma irrisponda ghal dawk l-ittri ufficjali, li ghalihom isir riferiment.

(vi) Illi meta giet prezentata c-citazzjoni fuq riferita, li giet deciza in parte u minn din id-decizjoni hemm l-appell odjern, Dottor John Mizzi cempel lill-esponent u saqsieh x’setgha jsir fil-kaz. L-esponent irrispondieh li jekk hemm xi suggerimenti jew proposti, dawna ghandhom isiru bil-miktub, u l-esponent jikkonsidrahom. Ghal din ir-risposta, Dr. Mizzi qal lill-esponent fuq it-telefon: “Ghaliex is-socjeta’ konvenuta m’ghandhiex flus”.

(vii) Illi l-kaz tant huwa adornat minn raggiri, atti ta’ misappropriazjoni u ta’ frode, li n-Nutar Angelo Vella, li ppubblika l-att ta’ trasferiment tal-fond de quo lill-konjugi Scicluna, bis-suppost prezz ta’ Lm23,000, u li gie prodott mill-esponent bhala xhud, fix-xhieda tieghu ddikjara li l-

konvenju bejn Heitage Estates Limited u l-konjugi Scicluna kien qattghu; u li ma jiftakarx kemm kien il-prezz ta' trasferiment f'dak il-konvenju.

(viii) Illi l-ewwel Qorti gustament cahdet lis-socjeta' appellanti li tippresenta nota ta' eccezzjonijiet fi procedura bil-giljottina, ghalix fil-fatt is-socjeta' konvenuta ma kellhiex eccezzjonijiet validi fil-ligi x'tista tissolleva.

(ix) Difatti, fil-konvenju ta' l-10 ta' Marzu 2000, is-socjeta' appellanti intrabtet li, fil-kaz li tbiegh il-fond, tirrifondi lil Alexander Kazitsine is-somma ta' Lm40.000 permezz ta' Alerting Enterprises Limited.

(x) Illi bl-iskrittura tat-3 ta' Dicembru 2000 Alexander Kazitisine ceda id-drittijet kollha tieghu lill-esponent Dottor Victor Ragonesi, kompriz id-dritt ghar-rifusjoni ta' l-Lm40,000, li kieku giet imhallsa qabel, dan il-hlas kien isir tramite Alerting Enterprises Limited. Dik is-somma ta' Lm40,000 u kienet rifondibili personalment lil Alexander Kaxitsine u mhux lil Alerting Enterprises Limited biex eventwalment tircievi Lm40,000 a nom tieghu u mhux a beneficcju tas-socjeta' minnu indikata. Proprju ghalhekk fl-iskrittura tat-3 ta' Dicembu 2000 Alerting Enterprises Limited irrikonoxxiet u ikkonfermat interament ic-cessjoni ta' drittijiet da parti ta' Alexander Kazitsine a favur ta' Dottor Victor Ragonesi.

(xi) Illi l-iskuza li Heritage Estates Limited trid tiggwdanja z-zmien u tipprova tehles mill-ghemil Kriminali taghha huwa tant lampanti meta wiehed jiftakar f'dak li Dottor Mizzi qal lil Dottor Ragonesi li s-socjeta' konvenuta ma kellhiex flus.

(xii) Illi ghal dawn ir-ragunijiet, jissottometti li s-sentenza appellata, moghtija fis-26 ta' Gunju 2001, ghandha tigi konfermata interament u, inoltre, din il-Qorti hija mitluba li tikkonsidera li l-appell huwa frivolu u vessatorju u jimmerita li s-socjeta' appellata tigi sottoposta ghas-sanzjonijiet tal-ligi f'kazi simili, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta' appellanti.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

6. Ghandu qabel xejn jigi rilevat li f'din il-kawza bhala konvenuti, l-attur appellat harrek lil Albert Stagno Navarra u l-Perit Frank Giordmaina Medici personalment kif ukoll lis-socjeta' Heritage Estates Limited, li taghha z-zewg konvenuti fuq imsemmijin huma Diretturi. Il-kawza de quo giet maghmulha bit-talba biex titmexxa bil-procedura sommarja, cjoe' bid-dispensa tas-smiegh ghat-termini kif hemm fl-artiklu 167 tal-Kap. 12 tal-ligijiet ta' Malta.
7. Ikkunsidrat li wara li nghataw xi skjarimenti lill-Qorti ta' l-ewwel grad mill-partijiet, dik il-Qorti tat-digriet datat il-5 ta' Gunju 2001 (fol 33 – 34 tal-process) fejn wara li qieset is-sottomissjonijiet li sarulha miz-zewg nahat ippronuncjat ruhha hekk,
"Billi jidher li l-konvenuti proprju ghandhom eccezzjonijiet x'jaghtu, l-Qorti tordna li kontra dawn, il-kawza timxi bil-procedura normali u ghalhekk taghtihom ghoxrin jum mil-lum biex jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet".

"Il-kawza tibqa' differita ghall-ezami ta' l-eccezzjonijiet u ghall-provvediment ghat-talba tas-socjeta' konvenuta biex tikkontesta l-kawza u jekk ikun il-kaz ghas-sentenza kontra dik is-socjeta' ghas-26 ta' Gunju 2001 fil-11.30am" (Sottolinear tal-Qorti).

Fil-15 ta' Gunju 2001, l-attur appellat ipprezenta nota ta' sottomissjonijiet fir-Registru tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili (fol. 35), filwaqt li z-zewg konvenuti proprio l-ohra pprezentaw nota ta' eccezzjonijiet ghal kull wiehed minnhom u dan in data tat-18 ta' Gunju 2001.

8. Ghas-seduta tas-26 ta' Gunju 2001, l-attur hareg ingunzjoni regolari biex jixhed in-nutar Dottor Angelo Vella u minbarra li dan ix-xhud iddepona, jirrizulta mill-verbal ta' dik is-seduta (ara fol. 45 u 46 tal-process) illi "l-avukati ttrattaw it-talba tal-konvenuta 'Heritage Estates Limited' biex tikkontesta t-talba ghar-raguni illi l-kreditur tas-somma ta' erbghin elf lira ma hux Alexander Kazitsine li ceda d-dritt tieghu lill-attur izda kien is-socjeta' 'Alerting Enterprises Limited'. Fil-fatt jidher li wara t-trattazzjoni li saret f'dik is-seduta l-Qorti ghaddiet biex taghti sentenza li

fiha wara li rriteniet li s-socjeta' konvenuta appellanti "ma wrietx, imqar prima facie, li ghandha eccezzjonijiet tajba x'taghti" u wara li ghamlet riferenza ghall-art. 167 et seq. tal-Kap. 12 qatghet il-kawza fil-konfront biss ta' l-imsemmija socjeta' u hallietha pendenti u ghall-kontinwazzjoni di fronte z-zewg konvenuti proprio.

9. Ikkunsidrat l-ewwel aggravju tas-socjeta' appellanti fejn tghid li bil-produzzjoni bhala xhud tan-nutar Angelo Vella, il-konvenuti "gew rinfaccjati bi provi fil-mertu mressqa irritwalment mill-attur appellat" u li hi wkoll kellha xhieda xi tressaq min-naha taghha.

Dwar dan l-aggravju, din il-Qorti jidhrilha li l-verbal precedenti, hawn fuq riportat, kien juri bic-car ghal liema skop kienet giet imhollija l-kawza. Hadd ma impedixxa lill-konvenuti milli jtellghu kwalunkwe prova rilevanti ghall-punt li riedu jaghmlu. Ma kien hemm xejn irritwali lanqas fil-mod kif gie ingunt biex jixhed in-nutar Angelo Vella, li minbarra li bhala nutar pubbliku hu meqjus bhala "functionnaire publique", kien in-nutar imsejjah bl-inkarigu li jirredigi l-iskritturi tal-ftehim min-naha tas-socjeta' konvenuta. Minn barra dan, jirrizulta li waqt is-seduta l-parti konvenuta kienet debitament rapprezentata mil-legali taghha u ma jidher li sar xejn ad insaputa ta' xi hadd. Illi ghalhekk isegwi li dan l-ewwel aggravju huwa ghal kollox infondat u qed jigi respint.

10. Fit-tieni aggravju, is-socjeta' appellanti tissottometti li "hija ppruvat prima facie illi ghandha eccezzjonijiet validi x'taghti u ghalhekk l-ewwel talba ta' l-attur ma kellhiex tintlaqa'."

Din il-Qorti, hawn tosserva li d-diskrezzjoni – f'dan il-kaz wahda markata u potenzjalment determinanti hafna kif jemergi mill-artiklu 167 et seq tal-Kap. 12 moghtija mil-ligi tal-procedura - lill-ewwel Qorti hija tali li facilment tista' taghti lok ghal decizjoni li f'ghajnejn il-parti li kontra taghha jkun mar il-gudizzju thossha li giet ipprivata minn process gust. B'danakollu din hi procedura li giet fis-sehh proprju biex kollox jitmexxa sommarjament u sahansitra bid-dispensa tas-smiegh tax-xhieda. Illi apparti l-fatt li filwaqt

li fl-ewwel aggravju l-appellanti sostniet li ma nghatatx l-opportunita’ li tressaq provi u xhieda min-naha taghha u issa qeghda ssostni li hija ppruvat prima facie li kellha eccezzjonijiet xi tressaq, din il-Qorti qeghda issa tigi adita biex tirrevedi, u tbiddel, dak li skond l-appellanti gie zbaljatament ritenut mill-ewwel Qorti.

Ikkunsidrat li kif kellha l-okkazjoni taghmel l-ewwel Qorti u kif ghamlet ukoll is-socjeta’ appellanti fis-sottomissjonijiet elaborati taghha, ghal-liema wiegeb l-attur appellat, f’kazi ta’ din ix-xorta il-Qorti jinhtegilha tinvesti l-meritu proprju tal-vertenza, ankorke’ dan b’mod prima facie.

11. Ikkunsidrat ulterjorment li, fil-qosor, l-argument ewlieni tas-socjeta’ appellanti huwa li l-jedd ghar-rifuzjoni tal-prezz kien gie vestit esklussivament fis-socjeta’ ‘Alerting Enterprises Limited’ u li ghalhekk l-appellat Dottor Ragonesi, li kien akkwista l-jeddijiet ta’ Alexander Kazitsine biss, ma kellux il-jedd li jircievi l-prezz, kif hu talab fl-att tac-citazzjoni. Skond l-appellanti, is-socjeta’ ‘Alerting Enterprises Limited’ ma assenjatx id-drittijiet taghha kif pretiz mill-appellat. Skond l-appellanti, hija biss ‘Alerting Enterprises Limited’ li llum ghandha l-jedd titlob ir-rifuzjoni tal-prezz “u li din ma kenitx assenjat id-drittijiet taghha lill-appellat” imma zammet invece “esklussivament ghaliha d-dritt ghar-rifuzjoni”.

Ikkunsidrat li minn ezami tal-motivazzjoni moghtija mill-Ewwel Qorti biex wasslitha li ma tammettix lis-socjeta’ appellanti milli tikkontesta t-talbiet attrici permezz ta’ nota ta’ eccezzjonijiet, kif awtorizzat il-konvenuti l-ohra, ghandu jirrizulta illi effettivament dik il-Qorti dahlet biex tinvesti sewwa sew dan il-punt li mill-gdid qed jerga’ jigi ssollevat mis-socjeta’ konvenuta bhala aggravju f’dan l-appell. Di fatti fid-digriet precedenti l-ghoti tas-sentenza appellata (fol. 46 tal-process), l-ewwel Qorti hadet kont sew ta’ din is-sottomissjoni, mtennija fl-appell, tas-socjeta’ konvenuta billi qieset is-segwenti, igifieri

(i) it-talba tal-konvenuta (recte socjeta’ konvenuta) ‘Heritage Enterprises Limited’;

(ii) l-atti fil-process u t-trattazzjoni li saret dwarha min-naha tal-partijiet;
(iii) illi mill-kitba privata ta’ l-10 ta’ Marzu, 2000, partikolarment klawsola
2(ii) jidher illi s-socjeta’ ‘Alerting Enterprises Limited’ kienet delegata mill-kreditur biex f’ismu tircievi l-hlas, tant illi fl-istess klawsola jinghad li l-hlas isir lilha ‘on behalf of the purchaser’;
(iv) li kreditur tal-hlas baqa’ dejjem Alexander Kazitsine mhux ‘Alerting Enterprises Limited’ li kienet biss delegata minnu biex tircievi l-hlas f’ismu; u
(v) li c-cessjoni saret validament favur l-attur appellat mill-kreditur;
12. Minbarra s-suespost, din il-Qorti taghmel riferenza ghal-iskrittura privata datata 3 ta’ Dicembru 2000 (esebita a fol. 10/12 tal-process) maghmulha bejn Alexander Kazitsine, awtur ta’ l-attur, u Vladimir Malikov bhala uniku direttur tas-socjeta’ ‘Alerting Enterprises Limited’, li (dan ta’ l-ahhar igifieri) b’riferenza ghall-ftehim bejn Kazitsine u s-socjeta’ appellanti kien ftiehem illi;
“(he) undertakes that, in the event the sum of Lm40,000 is received by him as a consequence of a direct payment by Heritage Estates Limited and/or by Albert Stagno Navarra or as a consequence of the Bill of Exchange of the 10th March, 2000, above specified, being honoured by Heritage Estates Limited and/or by Albert Stagno Navarra, he will immeditely pay to Dr. Victor E. Ragonesi any sum so received, on account or in settelment...” (sottolinear tal-Qorti).
F’dawn ic-cirkostanzi, din il-Qorti, bhal dik ta’ qabilha ma setghetx tifhem x’eccezzjonijiet kellha x’tissolleva s-socjeta’ appellanti in kontestazzjoni tat-talba attrici fil-konfront taghha. Isegwi kwindi li dak li ddekretat u gie deciz mill-Qorti ta’ l-ewwel grad kien korrett. It-tieni aggravju ghalhekk qed jigi wkoll michud.

Ghal dawn ir-ragunijiet;
Tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell tas-socjeta’ konvenuta bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha, u b’dana li l-atti tal-kawza ghandhom, a kariku tar-Registratur, jigu rimessi quddiem

il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili ghal fini ta’ kontinwazzjoni fir-rigward taz-zewg konvenuti proprio.

Dep/Reg
df